MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 493/2013

**A B ghan-nom u r-rapprezentanza ta' ohtu C B gia D u permezz ta' digriet tat-18 ta' Frar 2014, A B gie estromess mill-atti stante li C B assumiet l-atti personalment**

**vs**

**E D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attrici tat-3 ta' Ottubru 2013 li permezz tieghu talbet li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat li l-konvenut iddikjara li ma jopponix fis-seduta tal-14 ta’ Lulju 2014.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fil-11 ta’ Mejju 1985, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal illum maggorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta’ kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Claire Camilleri fid-19 ta’ Settembru 2013 izda ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------